# ID-DUDU U INT

Id-dudu li jimxi
jitkaxkar, jinbaram,
jitgħawweġ, jiltewa
fit-trab, qalb il-ġebel,
fuq tub, fuq ħaxix,
tmurx tfittex teqirdu,
li tgħaffġu ħa toqtlu
bla tieqaf biss tara
għalkemm ftit tal-ħsara
dan jagħmel biex igħix.
Fiċ-ċokon li tiegħu,
minn Alla ħanin,
hemm kollox fil-għamla
li għandek, biss żgħir.

W'ekk, tagħraf, bis-sabar
tistenna li jikber
sa żmienu ta' dudu
bil-għaqal itemm
kif tara jispiċċa
qoxortu ssir fosdqa,
ġo fiha jingħalaq
bla ikel għal żmien.

U b'qawwa mis-sema
li ħadd ma jfissirha,
jinbidel għal kollox
sa joħroġ farfett
bi ġwienaħ imlewna
bi trab is-saħħara
lill-ġisem jixxiebah
xejn aktar li kien.

Jittajjar, ifittex
lis-sieħba ħa jkattar,
isebbaħ, jiġġerra
fis-sema, fil-qiegħed,
u l-għada ħa jdakkar
fl-egħlieqi u fil-ġonna
ward iktar sabiħ.
U juri bis-saħħa
il-qawwa ħallieqa.

W int tifhem mhux waħdek
ġejt tgħix fil-ħolqien.
Tintebah bħad-dudu
qed tgħix, trid tinbidel
din ħajtek f'waħd' isbaħ
jekk bl-għaqal taf tgħix.

**J. Zammit Ciantar**